



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Mejju 2017
(OR. en)

XT 21016/17

LIMITE

BXT 24

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jistipula l-arranġamenti dwar il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2017/...

ta'

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati
mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
għal ftehim li jistipula l-arranġamenti
dwar il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,
flimkien mal-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April 2017,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea.
- (2) Fid-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew adotta linji gwida li jiddefinixxu l-qafas għal negozjati skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u li jistipulaw il-pożizzjonijiet u l-prinċipji ġenerali li ser issegwi l-Unjoni matul in-negozjati.
- (3) Fid-dawl tal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew, jenħtieġ li l-Unjoni tinneozja u tikkonkludi ftehim mar-Renju Unit li jistipula l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu, filwaqt li jittieħed kont tal-qafas għar-relazzjonijiet futuri tiegħu mal-Unjoni Ewropea ("Il-Ftehim dwar il-ħruġ"). Barra minn hekk, l-arranġamenti proċedurali li jinsabu fid-dikjarazzjoni tas-27 Kap ta' Stat jew ta' Gvern tal-15 ta' Diċembru 2016 u approvati mill-Kunsill Ewropew fil-linji gwida tad-29 ta' April 2017 ser japplikaw matul in-negozjati.
- (4) It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara n-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perijodu.
- (5) B'hekk, jenħtieġ li n-negozjati jinfetħu immedjatament bil-għan li jiġi konkluż Ftehim dwar il-ħruġ.

- (6) Fil-5 ta' April 2017, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tistipula l-pożizzjoni tiegħu għan-negozjati dwar il-ħruġ.
- (7) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata biex tiftaħ negozjati għal Ftehim dwar il-ħruġ u jenħtieġ li tkun nominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.
- (8) B'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 50 TUE japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (9) Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun ħiereġ ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill f' deċiżjonijiet li jkunu jikkonċernawh,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tiftaħ in-negozjati, f'isem l-Unjoni, għal ftehim mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jistabbilixxu l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, filwaqt li jittieħed kont tal-qafas għar-relazzjoni futura tiegħu mal-Unjoni, u hija b'dan nominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom jitmexxew fid-dawl tal-linji gwida adottati mill-Kunsill Ewropew u b'konformità mad-direttivi ta' negozjar stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kunsill

Il-President
